**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 27 ta' Frar 2019

Rikors Numru: 64/18 AL

**A B C**

Vs

**D E f'isimha proprio u f'isem bintha minuri F E u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ppreżentat mill-attur li permezz tiegħu ppremetta:

**Dikjarazzjoni dwar l-Oġġett u l-Fatti tal-Kawża**

1. Illi fid-disgħa (9) ta’ Novembru elfejn u tnax (2012), minn relazzjoni extra-maritali li l-esponent kellu mal-intimata D E, twieldet il-minuri F E, hekk kif jirriżulta miċ-Ċertifikat tat-Twelid li jġib in-Numru ta’ Iskrizzjoni 5395/2012, hawn anness bħala Dok A;

2. Illi miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-minuri F E jirriżulta illi meta l-intimata D E irreġistrat lil bintha, hija rreġistrat lil bintha fuq missier mhux magħruf;

3. Illi fil-fatt kif jirriżulta mill-istess Ċertifikat tat-Twelid tal-minuri F E, fil-kolonna intestata “Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier” hemm imniżżel il-kliem “Unknown Father”;

4. Illi l-esponent jaf illi missier il-minuri F E huwa l-istess esponent A B C;

**Raġuni għat-Talbiet f’dawn il-Proċeduri**

5. Illi l-esponent jixtieq li tiġi stabbilita l-paternita’ ta’ bintu, u dan ukoll permezz ta’ fatti bħal testijiet ġenetiċi;

6. Illi għalhekk jeħtieġ ukoll illi ssir id-debita korrezzjoni fil-kolonna intestata “Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier” billi jitniżżel isem l-esponent A B C minflok il-kliem “Unknown Father”;

7. Illi inoltre, għalkemm interpellata uffiċjalment permezz ta’ Ittra Uffiċjali datata it-tletin (30) ta’ Ottubru, tas-sena elfejn u sbatax (2017) sabiex tiddikjara li qiegħda taqbel mal-att ta’ rikonoxximent u mar-reġistrazzjoni ta’ dan it-tagħrif, l-intimata baqgħet ma rrispondietx;

8. Illi l-fatti msemmija huma kollha a diretta konoxxenza tal-esponent;

Talab prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, l-konvenuti jgħid għaliex dina l-Qorti m’għandiex:-

I. Prevja kull ordni li din l-istess Qorti jogħġobha tagħti, tiddikjara illi l-esponent A B C huwa l-missier naturali tal-minuri F E, u dan anke wara li din l-istess Qorti jogħġobha, jekk jidrilha meħtieġ, tinnomina periti esperti;

II. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jeffetwa d-debita korrezzjoni minn fuq iċ-ċertifikat tat-Twelid tal-minuri F E, bin-Numru ta' Iskrizzjoni 5395/2012, billi l-kolonna fejn hemm indikat "Isem u Kunjom u post tat-Twelid tal-missier", jitħassru l-kliem "Unknown Father" u tordna li jiġu ssostitwiti bl-isem il-missier naturali, u ċioe' "A B C" u b'kwalunkwe dettalji oħra relattivi u tordna u tawtorizza kull modifika oħra neċessarja fid-dawl tal-ewwel talba u jekk ikun meħtieġ f'kull att ieħor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (fol.13) li permezz tagħha eċepixxa:

1. Illi preliminarjament l-esponenti teċċepixxi illi r-rikorrent għandu jġib il-prova illi interpella lil konvenuta permezz tal-Ittra Uffiċjali datata 30 ta' Ottubru 2017, u kif ukoll il-prova li l-konvenuti ġew notifikati bl-istess. F'każ li din il-prova ma tinġiebx, l-azzjoni tkun tidher li hija intempestiva stante li din l-azzjoni ma tkunx ġiet preċeduta b'ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fil-mertu, l-esponenti tistqarr li hi mhijiex edotta mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi stante s-suespost, f'dan l-istadju l-esponenti tirrimetti ruħha għar-riżultanzi istruttorji u umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex

tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiġi vverifikat jekk l-attur huwiex verament il-missier naturali tal-minuri F E;

4. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet dedotti tar-rikorrent minn din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti tistieden lir-rikorrent sabiex permezz ta' nota jipprezenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament is-segwenti: (1) In-numru tal-karta tal-Identita', (2) ismu u kunjomu, (3) l-età tiegħu meta twieldet F E, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet F E, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet F E. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri F E;

5. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom ukoll jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri F E u dan a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponenti u kwindi hija m'għandhiex tiġi assoġġettata għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat ir-risposta ġuramentata ta' D E (K.I. 404793M) f'isimha proprju u f'isem bintha minuri F E (fol 24) li permezz tagħha esponiet:

1. Illi tammetti t-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-llum;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-attur ottempera ruħu mal-provvedimenti tal-Artikolu 86 tal-Kodiċi Ċivili[1] u permezz tal-ittra uffiċjali nnumerata mija u ħamsin tas-sena elfejn u sbatax (150/17)[2] huwa nforma lill-konvenuta bil-ħsieb tiegħu li jirrikonoxxi lill-minuri F bħala bintu.

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

L-attur jitlob illi huwa jiġi magħruf bħala l-missier naturali tal-minuri F imwielda lill-konvenuta D E, fid-disgħa (9) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012)[3]. Sal-lum, dan il-minuri hija ddikjarata bħala bint missier mhux magħruf u ġġorr il-kunjom tal-omm, ossia E.

Illi fil-każ odjern il-Qorti ma tistax isserraħ fuq iċ-ċertezza tat-testijiet ġenetiċi illi jistabilixxu jekk il-minuri huwiex iben l-attur C o meno. Ma ġie ppreżentat **ebda rapport xjentifiku u ġenetiku** in sostenn tal-fatti allegati mill-attur. Iżda huwa risaput illi skont il-liġi, m'humiex it-testijiet ġenetiċi biss li jservu bħala prova dwar il-paternita` tal-ulied, għalkemm l-istess dejjem ġew ritenuti bħala l-prova reġina f'kawżi bħal din, u li jegħlbu kwalsiasi preżunzjoni legali.
Il-Qorti qiegħda tikkonsidra illi f'każi ta' filjazzjoni tal-ulied imnissla u mwielda barra miż-żwieġ, il-leġislatur ħaseb għall-proċedura sommarja għar-rikonoxximent tagħhom, fiċ-ċirkostanzi fejn mat-twelid jiġu rreġistrati bħala ulied missier mhux magħruf. Il-proċedura kkontemplata fl-Artikolu 86 tinvolvi biss ittra ġudizzjarja maħlufa u mibgħuta mill-allegat missier lill-omm it-tarbija, li min-naħa tagħha twieġeb permezz ta' nota fl-atti tal-istess ittra. Kemm-il darba l-omm taqbel mad-dikjarazzjoni tal-mittenti li huwa missier il-minuri, ir-reġistrazzjoni tal-minuri tiġi effettwata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. Din il-proċedura ma tikkontemplax it-

[1] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[2] Kopja legali tinsab esebita fol. 30
[3] Ċertifikat tat-twelid esebit fol. 5

teħid tal-kampjuni minn fuq il-persuni nvoluti għall-eżami xjentifiku u ġenetiku.

Fil-każ in eżami, omm il-minuri ammettiet it-talbiet attriċi u b'hekk mill-bidu stqarret mingħajr tlaqliq illi l-attur  huwa missier il-minuri. Huwa evidenti li l-proċeduri odjerni ġew intavolati għaliex l-omm, naqset illi twieġeb għall-ittra uffiċjali lilha mibgħuta.

Illi, in vista tal-premess, minkejja n-nuqqas tal-provi ġenetiċi u xjentifiċi, il-Qorti hija xorta waħda moralment konvinta li l-verżjoni tal-attur hija veritiera u li l-minuri F hija bintu naturali.  Għaldaqstant il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għaliex it-talba tiegħu ma tiġix akkolta.

Il-Qorti rat illi d-dettalji tal-attur A B C, ai fini tar-reġistrazzjoni tiegħu fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri, huma s-segwenti[4]:

1) Isem u kunjom: A B C
2) Id-dokument tal-identita`: 45020(A)
3) L-eta` tiegħu meta twieldet il-minuri: 33 sena
4) Il-post tat-twelid ta' A Mohemmed C: Nyala, Sudan
5) Il-post tar-residenza tiegħu meta twieled il-minuri: Marsa
6) Isem u kunjom missieru: C A
7) Jekk il-missier patern kienx ħaj jew mejjet meta twieled il-minuri: Ħaj

Dwar kunjom il-minuri

Illi l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku eċċepixxa illi l-partijiet għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri F E u dan a tenur tal-Artikolu 92(6) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi permezz ta' nota ippreżentata fit-28 ta' Mejju 2018[5], ir-rikorrent iddikjara li ma jsib ebda oġġezzjoni li l-minuri issir magħrufa bil-kunjom "E B". Din id-dikjarazzjoni ġiet korretta mir-rikorrent permezz ta' nota oħra ippreżentata fl-24 ta' Awwissu 2018, illi permezz tagħha huwa

[4] Dawna jirriżultaw min-nota ippreżentata mir-rikorrent fit-28 ta' Mejju 2018, fol. 32;
[5] Fol. 32;

kkoreġa l-kunjom tiegħu għal C, in vista tal-fatt li B huwa ismu. Għalhekk skont ir-rikorrent, kunjom il-minuri għandu jaqra "E Abdulla". Fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru 2018[6], il-konvenuta uriet ix-xewqa li l-minuri tibqa' żżomm il-kunjom E. Id-difensur tar-rikorrent qabel ma' dan.

Il-Qorti tara illi l-liġi, a tenur tal-Artikolu ċċitat u cioe l-Artikolu 92(6) tal-Kapitolu 16, tikkonċedi l-possibilita` li minkejja r-rikonoxximent tal-minuri mill-missier, il-minuri jibqa' magħruf bil-kunjom waħdieni tal-omm. Il-Qorti tara ukoll illi hemm qbil bejn il-partijiet li l-minuri tibqa' magħrufa bil-kunjom "E", u li dana m'għandu jkun ta' ebda preġudizzju lill-minuri. Illi b'hekk ma tarax għaliex m'għandhiex tilqa' t-talba tal-konvenuta għan-nom ta' bintha minuri li F tibqa' hekk magħrufa bil-kunjom "E" u għalhekk tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel annotazzjoni f'dan ir-rigward fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri innumerat ħamest'elef tliet mija u ħamsa u disgħin tas-sena elfejn u tnax (5395/2012).

<u>Dwar il-Kap tal-Ispejjeż</u>

Jirriżulta illi l-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi u cioe dik innumerata mija u ħamsin tas-sena elfejn u sbatax (150/17), ġiet debitament notifikata lill-konvenuta f'4 ta' Novembru 2017[7]. Illi għar-raġunijiet tagħha, il-konvenuta għażlet illi ma tweġibx għal din l-ittra u b'hekk ir-rikorrent kellu jirrikorri għal dawn il-proċeduri ġudizzjarji sabiex jista' jirrikonoxxi lill-minuri F bħala bintu. In vista li l-proċeduri odjerni setgħu ġew evitati, billi b'sempliċi risposta għall-ittra mibgħuta, kien jinħoloq eżitu effettiv daqs l-import ta' din is-sentenza, fil-fehma tal-Qorti, għandha tkun il-konvenuta E illi tagħmel tajjeb għall-ispejjeż.

## DEĊIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

---

[6] Verbal a fol. 36;
[7] Riferta pożittiva fol. 31;

1. Tilqa’ l-ewwel talba attriċi u konsegwentement tiddikjara illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri F imwielda mill-konvenuta fid-9 ta’ Novembru 2012.

2. Tilqa’ t-tieni talba attriċi u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid relattiv għall-minuri F, innumerat ħamest’elef tliet mija u ħamsa u disgħin tas-sena elfejn u tnax (5395/2012), huwa jikkanċella l-kliem ‘unknown father’ u minflok jitniżżlu l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-attur A B C, kif jirriżultaw aktar ’il quddiem f’din is-sentenza;

3. Tordna illi l-minuri F tibqa’ magħrufa bil-kunjom “E” u għalhekk tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel annotazzjoni f’dan ir-rigward fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri innumerat ħamest’elef tliet mija u ħamsa u disgħin tas-sena elfejn u tnax (5395/2012).

Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi, innumerata 150/17, ikunu sopportati mill-konvenuta D E.